MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 577/2001/1

**J & A Bonnici Ltd**

**Vs**

**Media Consulta Malta Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhix tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u erbatax il-lira (Lm414) rapprezentanti prezz ta' "printed cartons" mahduma fuq l-inkarigu tas-socjeta konvenuta u konsenjati lill-istess socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Mejju 2001 u tal-Mandat ta' Qbid prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-interessi legali b'effett mid-data tal-konsenja u cioe 22 ta' Dicembru 2000 sad-

data tal-hlas effettiv. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 8 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, id-“Display cartons” li ghalihom kienet responsabbli s-socjeta attrici ma sarux skond is-sengha u l-arti mehtiega u skond dak li kien rikjest mis-socjeta konvenuta meta tat l-inkarigu lis-socjeta attrici fit-18 ta’ Dicembru 2000.

2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, id-“display cartons” ikkunsinjati mis-socjeta attrici ma jservux il-ghan li ghalih kellhom ikunu mahduma.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni guramentata maghmula minn Andrew Warrington f’isem is-socjeta konvenuta (fol 9 ibid) kif ukoll il-lista ta’ xhieda hemm annessa.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi s-socjeta attrici ipproduciet in sostenn tat-talba in esami zewg xhieda oltre diversi dokumenti kif ser jinghad:-

1. <u>Carmel Bonnici</u> (fol 12 et seq ibid) bhala direttur tal-istess, spjega li madwar it-22 ta’ Dicembru 2000, Andrew Warrington f’isem is-socjeta konvenuta, kien ordna 1500 mill-oggetti msemmija fl-avviz sabiex dawn jintuzaw billi ktejjeb bl-isem ta’ “Malta and Gozo Restaurant and Entertainment Guide” jitpogga go fihom (ara l-anness <u>Dok CB1</u> a fol 16 tal-atti). Dwar l-istess “display boxes”, ix-xhud kien issottometta kemm “quotation” kemm il-prezzijiet li gew accettati minn Andrew Warrington.

Sussegwentement, kien sar kampjun tax-xoghol li gie muri lill-istess Andrew Warrington u li kien gie accettat minn dan, b'xi alterazzjonijiet zghar (ara l-annessi Dok CB2 u Dok CB3 a fol 17 u 18 ibid). Dwar l-"art work" involut fl-istess ordni Andrew Warrington kien inkariga, hu stess, persuna sabiex tesegwixxi dan ix-xoghol. Din kienet Sue Parnis li kienet ikkonsenjat lis-socjeta attrici il-"film" relattiv u a basi ta' dan inbdiet il-produzzjoni tal-oggetti imsemmijin, ordnata mis-socjeta konvenuta liema oggetti gew kollha kemm huma, esegwiti u konsenjati lil din is-socjeta f'perjodu ta' gimghatejn minn meta saret l-ordni (ara id-"delivery note" esebita a fol 20 tal-atti). Pero avolja ghaddew erba' xhur mid-data tal-konsenja u avolja kien intbaghat l-invoice relattiv sabiex jsir il-hlas, dan ma kienx sar u lanqas ma kien hemm xi forma ta' komunikazzjoni da parti tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk kien intbaghat "fax" lil din (ara l-anness Dok CB7 a fol 21 tal-atti), liema 'fax' jgib id-data tad-9 ta' April 2001 u permezz tieghu kien intalab il-hlas, izda ma saret ebda risposta. Ghalhekk, kien intbaghat fax iehor (Dok CB8 a fol 22) u hawnhekk is-socjeta attrici irceviet iehor, in risposta, (fol 9 tal-istess atti). Permezz ta' dan, is-socjeta attrici, ghall-ewwel darba (u ghandu jinghad wara madwar eba' xhud mill-konsenja) kienet saret taf li dik konvenuta kienet qed tallega" li x-xoghol sar hazin" (inferior product). Minhabba hekk kien gie miftiehem appuntament sabiex il-partijiet involuti jiltaqghu u jiddiskutu dan il-kaz, fit-3 ta' Mejju 2001 fit-3.30p.m. Izda Andrew Warrington ma kienx gie ghal dan l-appuntament. L-istess kien gara fl-appuntament ta' wara. Ix-xhud kompla biex jghid li hu stess kien ra "…. x-xoghol taghna …. fi hwienet qed jinbiegh u semma whud minn dawn l-istabilmenti (ara r-ritratti a fol 24 ibid). Inoltre hu, ssottolinea li qatt ma kienet gie spjegat lilu x'kien hemm difettuz fl-istess oggetti u li dawn qatt ma kienu gew ritornati. Inoltre kien ircieva cheque bl-import ammontanti ghal Lm200, liema cheque pero', kien intbaghat lura lis-socjeta konvenuta (ara ukoll ix-xhieda ta' Joseph Galea, it-tieni xhud prodott mis-socjeta attrici, a fol 25 u fol 26 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi, da parti taghha, s-socjeta konvenuta pproduciet lill-imsemmi Andrew Warrington (fol 28 et seq ibid) spjega li meta kienet saret l-ordni, in kwistjoni, kien ha mieghu kampjun sabiex jigi prodott wiehed “simili” (ara fol 32 ibid). Meta u wara li saret il-konsenja minghajr ma kien intwera “kampjun tal-prodott finali” in vista li “…. Il-hin kien qasir”, kienet saret id-distribuzzjoni tal-istess prodott, bil-ktejjeb imsemmi, lil diversi stabbilimenti (“….ma xi elf hanut ….) izda “….. sibna difetti zghar…..” in rigward fejn kien sitwat in-‘nofs qamar’ sabiex fuqu jitnizzel il-prezz u l-‘perforation’. Inoltre wara dejjem, id-distribuzjoni tal-istess prodott instab li l-kartuna kienet ta’ kwalita inferjuri (ara l-kampjun tal-prodott finali a fol 31 ibid). Eventwalment, oltre li sar pagament ta’ Lm200 permess tac-cheque gja msemmi, is-socjeta konvenuta kienet talbet li jsir inkontru sabiex jigi diskuss dak li kien qed jigi allegat in rigward xoghol difettuz u jsir skond tal-prezz gja miftiehem. In kontro esami hu spjega ghaliex ma kienex attenda ghaz-zewg laqghat miftehmin waqt li ma eskludiex li seta’ ircieva kampjun minghand is-socjeta attrici izda ghadu mhux stampat u minghajr l-imsemmija “perforations”. Inoltre hu sostna li kien ilmenta, verbalment u telefonikament, dwar l-imsemmija difetti qabel ma kien ghamel dan bil-miktub madwar hames xhur wara li saret il-konsenja. Fl-ahhar nett, hu semma’ li kien baghat impjegati sabiex jirrimedjaw ghad-difett fil-‘perforations’ billi dawn juzaw imqass u li qatt ma kien irritorna l-istess oggetti, li whud minnhom kienu ghadhom fil-pussess ts-socjeta konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess l-istess Qorti, hi konvinta li rrisultaw is-segwenti fatti:-

a) Il-prodotti finali gew konsenjati lis-socjeta konvenuta fit-22 ta’ Dicembru 2000 u mal-konsenja ma jidhirx li sar xi lment, dwar l-istess prodotti, da parti tas-socjeta konvenuta. Anzi saret distribuzzjoni tal-istess prodotti lil numru konsiderevoli ta’ stabbilmenti sabiex l-sitess prodott jinbiegh minnhom. Hawnhekk ghandu jigi presunt

li s-socjeta konvenuta esaminat l-istess prodotti kollha kemm huma meta saret il-konsenja u sabet li dawn ma kellhomx xi difett kif qed jallega Andrew Warrington f'isem is-socjeta konvenuta. Difatti jidher mill-istess provi li s-socjeta konvenuta ghamlet xi lment madwar erba jew hames xhur wara l-istess konsenja u wara li kienu gew distribwiti numru konsiderevoli taghhom anzi meta u wara li s-socjeta attrici kompliet tesigi l-pagament kif spjega Carmel Bonnici fix-xhieda tieghu (ara l-artikolu 1637 tal-Kodici Civili f'dan ir-rigward).

b) Kif di gja inghad il-prodotti finali gew kollha kemm huma mizmuma mis-socjeta konvenuta. Inoltre l-istess socjeta konvenuta kienet baghtet cheque ammontanti ghal Lm200, li pero', gie rifjutat. F'dan ir-rigward, is-socjeta konvenuta kellha tesercita r-rimedju li tibghat lura l-istess prodotti lis-socjeta attrici u f'kaz li ma jigux accettati jigu depositati taht l-awtorita' tal-Qorti sabiex tesumi ruhha minn kull responsabilta. L-istess setghet taghmel in rigward il-pagament akkont li sar permezz tal-imsemmi cheque rrifjutat mis-socjeta attrici. Minn dan xejn ma sar u ghalhekk, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, dak li gie eccepit mis-socjeta konvenuta ma jistax jigi accettat jew akkolt minn din il-Qorti.

Illi ghalhekk, dak mitlub mis-socjeta attrici ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm414 bl-imghax legali mit-22 ta' Dicembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Mejju 2001 u tal-mandat kawtelatorju ta' qbid tal-14 ta' Gunju 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------